# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 11 ta' Marzu 2016**

**Numru 3**

**Rikors Numru: 1812/97 NC**

**Charles sive Carmel Ellul**

**v.**

**Filomena Ellul**

**Il-Qorti:**

Rat is-sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) moghtija fit 30 ta' Jannar 2015 li qed tigi riprodotta ghall-ahjar intendiment;

"**Il-Qorti,**

"Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attur, ippremetta: l-konventa rrendiet ruhha hatja fil-konfront ta' l-attur ta' sevizzi u eccessi b'mod li l-hajja ta' bejniethom giet reza impossibbli u li z-zwieg tal-partijiet tkisser irrimedjabbilmet; li l-attrur ottjena l-awtorizzazzjoni skont il-ligi sabiex iressaq l-istanza odjerna skont id-digriet datat 24 ta' Gunju 1997;

ghalhekk l-attur qed jitlob li din il-Qorti: [1] tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet minhabba ragunijiet imputtabbli lill-konvenuta; [2] tillikwida il-komunjoni ta' l-akkwisti tal-partijiet u taqsam l-istess bejn it-tnejn; [3] tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri Joanna lill-attur; bl-ispejjez inkluzi dawk tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili (Digriet 735/97) kontra l-konvenuta, ingunta minn issa stess ghas-subizzjoni;

"Rat in-nota tal-eccezzjonijiet li biha l-konvenuta, in sostanza, eccepiet: li taqbel li ghandha l-hajja konjugali tal-partijiet giet reza impossibbli u dan minhabba ragunijiet imputabbli lill-attur; taqbel mal-likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti bid-dekadenza kontra l-attur; it-tielet talba ghandha tigi michuda minhabba l-fatt li dan mhux fl-ahjar interess tal-minuri; il-konvenuta m'ghandhiex tbaghati l-ispejjez;

"Rat il-kontro-talba tal-konvenuta rikonvenzjonanta [Vol. 1 fols. 14 u 15];

"Rat ir-risposta ta' l-attur rikonvenzjonat [Vol. 1 fols. 20 u 21];

"Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku AIC Mario Cassar[1].

"Rat ir-rapport tal-Perit Komputista Paul Bezzina F.I.A. C.P.A., C.S.A.[2]

"Rat ir-rapport tal-Perit legali l-Avukat Dottor Vincent Galea;[3]

"Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati, il-listi tax-xhieda, u l-affidavits tal-partijiet;

"Rat in-noti ta' sottomissjonijiet maghmula mill-partijiet;

"Semghet ix-xhieda bil-gurament;

"Ikkunsidrat;

"**L-Azzjoni**

"Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, stante li z-zwieg taghhom tkisser

[1] Vol. 5 – fols. 1261 et seq.
[2] Vol. 4 – fols. 1058 et seq.
[3] Vol.5 – fols.1368 et seq.

irrimedjabbilment minhabba eccessi u sevizzi da parti tal-konvenuta; kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

"Minn naha taghha l-konvenuta tattribwixxi t-tort tal-firda esklussivament lill-attur, u permezz ta' kontro-talba, tghid li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment minhabba li l-attur rrenda ruhhu hati fil-konfront ta' l-attrici ta' adulterju, sevizzi, eccessi, minacci, ingurji gravi u minhabba li l-hajja matrimonjali tal-partijiet tkissret irrimedjabbilment.

"**Separazzjoni Personali**

"Illi l-partijiet izzewgu fid-29 ta' Dicembru 1975, u minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt itfal, Simone u Joanna, li llum huma t-tnejn maggjorenni.

"*Verzjoni Attur*

"L-attur jghid li huwa kien diga` ried li jispicca r-relazzjoni minn mal-konvenuta waqt l-gherusija izda wara li ra bidla fiha kompla u fil-fatt izzewgu, izda wara z-zwieg l-attitudni ta' martu regghet marret lura ghal dak li kienet qabel, anzi aggravat fl-imgieba possessiva u domaninati taghha. "*kont inhoss li kient tghassisli anke f'dari stess*"[4]. Dina s-sitwazzjoni, skont l-attur, kompliet tmur ghall-aghar fejn "*il-glied bil-kliem, tghajjir, inkejjiet u/jew ma tkellimnix gimghat shah tista' tghid ma naqas qatt*"[5]. Huwa jsostni wkoll li kien hemm drabi li huma wkoll gew f'idejn ghalkemm dan ma kienx ta' spiss u f'okkazzjojinijiet rari. Ikompli jghid ukoll li "*bil-paranoia, ghejra u possessivita` li ghandha l-mara kient ilha snin twal takkusani li mmur ma' dik u ma' l-ohra sahhansitra meta nsiefer b'xoghol, meta dan ma kien minnhu xejn*"[6].

"L-attur jghid ukoll li l-relazzjonijiet intimi ta' bejnithom naqsu konsiderevolment sakemm inqatghu kompletament ftit tas-snin qabel ma beda dawn il-proceduri u dan minnbarra l-fatt li l-attur isostni li martu kienet tghidlu li kellu relazzjonijiet ma' nies ohra u li kellu l-*aids*. Minhabba dan, l-attur jghid li beda hbiberija ma' mara ohra mill-1995.

"Fir-rigward tal-flus, l-attur jispjega li l-konvenuta kienet ossessjonata fuq il-flus u kienet anke tghajjru b'xi flus li hija kienet taghtu minn dak li kienet gemmat sabiex jinvestihom fin-negozju. L-attur issostni li huwa dejjem ta

[4] Vol. 1 – fol. 26.
[5] Vol. 1 – fol. 26.
[6] Vol. 4 – fol. 942.

manteniment u dan barra l-paga li l-konvenuta kienet tiehu mill-impieg taghha bhala ghalliema u r-renti li hija hija kienet izzomm ta' l-appartamenti f'Bugibba, kien ihallas il-kontjiet kollha hu u l-konvenuta qatt ma kkontribwixxiet lejhom. Huwa jghid li l-konvenuta ma kienetx tiehu gost li jhaddem in-nies mieghu u kient qaleght glieda meta saret taf li Manwel Mifsud li kien qieghed jahdem fuq bazi *part-time* beda jahdem *full-time*.

"Meta l-partijiet bidlu d-dar minhabba l-istorbju ta' zvilupp hdejn id-dar taghhom, l-attur jghid li l-konvenuta qatt ma marret tara x-xogholijiet fid-dar il-gdida li kienu qed jibnu "*niftakar episodju meta war l-quddiesa tal-Hadd kont hadt lilha u lit-tfal biex jaraw fix wasal il-bini, izda hi baqghet fil-karozza u ma gietx maghna*"[7].

"L-attur jghid li huwa pprova jsalva dan iz-zwieg "*Fil-perijodu ta' bejn l-1990 u l-1993 meta l-inkwiet kien fl-aqwa tieghu mhux l-ewwel darba li kont nitkellem maghha biex nipprova li z-zweig ma jitkissierx. Shansitra kif xeghedt ukoll qabel kont mort ghand il-kappillan u tkellimt mieghu biex forsi jirranga s-sitwazzjoni. Dan pero` ma sewa ghal xejn. Illum bil-Qorti tal-Familja l-ewwel passi f'kas ta' nkwiet bejn il-koppja huwa li jigi appuntat medjatur mill-qorti. Ll hu ezattament dak li ppruvajt naghmel jien. Meta fl-ahhar iddecidejt li nibda l-kawza tas-separazzjoni, kont ili kwazi 10 snin intella' u nnizzel jekk naghmilx hekk jew le. Meta fl-1999 gejt biex nitlaq mid-dar id-decizjoni ma kienetx wahda facli, biss barra mill-fatt li dan kelli naghmlu ghaliex jien stess ma flahtx l-inkwiet li kien qieghed jinqala izjed, ghamiltu wkoll fl-interess tat-tfal ghaliex dawn kienu spiccaw jizfnu fin-nofs*"[8].

"*Verzjoni Konvenuta*

"Il-konvenuta ssostni li l-partijiet kienu kuntenti hafna fl-gherusija u li kienu jaqblu hafna fejn kellu numru ta' interessi komuni "*ommi kient irrimarkatli likonna qisna zewg ferhiet f'mizwed*"[9], izda tghid li ghalkemm il-familja taghha qatt ma ndahlet bejnithom, omm l-attur kienet tindahal bejn il-partijiet kemm qabel u kif ukoll wara z-zwieg. Hija tghid li meta staqsiet x'kienet qalet omm l-attur wara li ratha l-ewwel darba, dan wiegeb li ommu kienet qaltlu li seta' sab lil xi hadd ahjar.

[7] Vol. 4. – fol. 943.
[8] Vol. 4. – fol. 945.
[9] Vol. 4 – fol. 781.

"It-tkissier ta' dan iz-zwieg, il-konvenuta tghid li tattribwieh ghal *"presenza ta' terza persuna li kienet giet impjegata minn zewgi fil-kumpanija taghna u sussegwentement beda relazzjoni maghha... bdejt ninduna li beda jimbidel meta mbaghad dahhal lil Maria Dolores Cassar Ciacomatto bhala salesgirl... Charlie urieni li lanqas hu ma riedni izjed nakkompnajah it-Trade Fair, ghax kien ikun hemm Maria Dolores u il-partecipazzjoni tieghi kient itellfilha il-commission fuq il-bejgh meta inbiegh jien*"[10]. Il-konvenuta tghid li l-atteggjament ta' zewgha fil-konfront taghha inbidel, ma baqax ikellimha dwar in-negozju u ma tantx kien ikun id-dar izda dawk id-drabi li kien ikun id-dar kien jaqbad il-glied. Hija tirrakkonta kif kien hemm incident fejn l-attur "*ghamel ghalija u gibidli subghajja (thumb) tant li qatghali l-ligaments ta' subghajja u ghadni sal-lum inbaghti b'dan is-sebgha*"[11]. Il-konvenuta tghid li s-Sibtijiet wara nofsinhar zewgha kien iqattahom ma' Maria Dolores fid-dar t'omma f'Birzebbuga peress li ma kienx ikun hemm hafna nies filwaqt li l-Hamis filghodu kien imur id-dar taghha fil-Fgura fejn l-istess konvenuta darba qabdithom il-Hadd filghodu f'*Mother's Day*. Hija tiddeskrivi kif l-imgieba ta' zewgha ma dina l-mara kienet waslet sa punt fejn meta hija ppruvat issalva iz-zwieg l-attur ma riedx u ghalhekk hija hassitha "*umiljata u imwegga'*"[12]. Il-konvenuta ssostni li madwar 1988 Maria Dolores bdied tahdem mar-ragel taghha bhala *salesgirl* u sitt snin wara nbdew il-proceduri ta' separazzjoni. Tkompli tghid li l-imgieba ta' zewgha fil-konfront taghha kienet karatterizzata minn insinwazzjonijiet, imur id-dar ghal gharrieda biex skont hi, jara kienx ikun hemm xi hadd iehor u jiehu mieghu lil xi hadd iehor halli jkollu x-xhieda, izda dejjem sabha hemm u waheda.

"Dwar il-mod ta kif effetwawa l-problemi fiz-zwieg, il-konvenuta tghid, "*meta beda l-inkwiet bejnietna, kien jittratani hazin hafna. Kien jghid lit-tfal biex ma jaghtux kasi, u qatt ma kont inkun naf x'inhu jigri bejniethom. Kienu johorgu flimkien u ma kontx inkun naf. Kont qeghda d-dar biss biex inaddaf, insajjar u nservihom. Meta spiccajt l-"Course" ta' l-universita kont imradd hafna bl-istress li kelli. Dort sitt konsulenti nipprova nara x'ghandi u fl-ahhar qalli li ghandi Poly Myalgia Rheumatica fil-1997. Jien kont bghatutha hafna ghax ma kontx nista nimxi, u kont qed insoffri minn fatigue u ugiegh kbir f'gismi kollu. Kont bla sahha it-tarag ma niflahx nitilghu. Kif kien jigi mix-xoghol kien jitla' jigri t-tarag u joqghod issaffar biex jurini kemm kien f'sahhtu. Jien kien jiddispjacini li jaghmel hekk u l-messagg li kien irrid jaghtini kont niehdu. Kont naghmel 'effort kbir biex*

[10] Vol. 4 – fol. 781 u 782.
[11] Vol. 4 – fol. 782.
[12] Vol. 4 – fol. 783.

*nipprova inlahhaq mad-dar u t-tfal qatt ma kienu jaghtuni daqqa t'id u hu ma kienx jghidilhom biex jghinuni... flok sibt ftit ghajnuna minn ghandu meta kont marida, izjed beda jinkini – a case of mental torture. Kull nhar ta' Tlieta ma jigix id-dar imma jmur mal-habiba jara film. L-izjed haga li iddispjacina kien meta fl-anniversarju tat-tieg hareg fit-8 ta' filghodu u gie lura fis-saghtejn ta' filghodu u jien bqajt nistennieh*"[13]. Il-konvenuta tkompli tirrakkonta kif il-komportament ta' zewgha baqa' jiddeterjora fil-konfront taghha u l-prezenza tieghu baqghet tonqos fid-dawl ta' l-infedelta` li hija tallega.

"*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

"Illi jidher mill-provi prodotti li hemm evidenza sufficjenti sabiex l-adulterju kommess mill-attur gie ppruvat, dan jirrizulta mill-affidavit ta' l-attur stess fejn b'ammissjoni tieghu jghid li "*mistoqsi ma min ghandi hbiberija jiena nghid illi dina il-mara jisimha Doris Cassar Gaccomotto... ili nafha professjonalment minn circa 1983. Jiena sirt nafha hekk kif appena dahlet tahde ma' C.E.F. (Trading) Co. Ltd. Jiena nafha intimament ghal dawn l-ahhar erba' snin u nofs u cioe qabel ma ftaht dina il-kawza. Jiena kont ghadni nghix mal-mara meta sirt nafha kif diga ghid intimament*"[14].

"Illi jidher ukoll mill-provi li sforz il-komportament tal-konvenuta r-relazzjoni kienet ikkaratterizzata minn glied u dizgwidi bejn il-konjugi tant li anke uliedhom stess, li kienu jghixu fl-istess dar kienu jaraw dan l-agir, t-tifla tal-partijiet qalet li "*is-sitwazzjoni d-dar kient saret wahda kemm xejn tal-biki: kif missieri jidhol d-dar kien jibda mill-ewwel l-glied, mhux ta' b'xejn ma kienx ried jorqod aktar hdejn ommi. Naf li l-papa kien spicca jdum ma jigi d-dar biex jevitha. L-unika kliem li kien jinghad bejnithom kien glied. Gieli lanqas it-tisjir min-naha t'ommi ma kien isir, kien jidhol missieri d-dar wara gurnata xoghol u ma kienx ikun hemm ikel lest... il-kommunikazzjoni min-naha t'ommi kienet nieqsa mhux biss ma' missieri izda anki maghna t-tfal... kif jiftah halqu [l-attur] anki maghna kienet tkun lesta ghalih, biex tibda l-inkwiet [l-konvenuta]...ma kienx ghad fadal familja*"[15]. Bint il-partijiet l-ohra Simone tghid ukoll li "*kienet tghajjru dwar certa Marlene, s-segretarja tal-Yacht Club. Il-mama kienet tinsinwa u takkuzah li kien hemm xi haga bejnithom. Il-papa kien jinnega izda xorta kien jinqala' l-glied bejniethom. Niftakar li kien hemm drabi meta gew fl-idejn ukoll... il-*

[13] Vol. 4 – fol. 783.
[14] Vol. 1 – fols. 51 u 52.
[15] Vol. 4 – fols 956 u 957.

*mama dejjem riedet l-attenzjoni u kull meta hija kienet tohrog mic-centru ta' l-attenzjoni tista' tghid li kien jinqala' incident*"[16].

"Illi gie stabbilit mix-xhieda prodotti li l-attur telaq mid-dar fl-1999.

"Illi, inoltre, jirrizulta mill provi illi skont sentenza ta' Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-27 ta' Novembru 2011 fil-kaz *Il-Pulizija vs Filomena Ellul* din kienet misjuba hatja li insulentat, ingurjat jew heddedt lil Charles Ellul.

"Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li l-hajja konjugali bejn il-partijiet m' ghadhiex aktar possibbli, u z-zwieg tkisser irrevokabbilment, tort taz-zewg partijiet: tort ta' sevizzi da parti tal-konvenuta konsistenti f' komportament verbalment abuziv taghha kontra l-attur, fuq abitwali u ripetut, li kien irrenda insapportali l-hajja konjugali bjen il-partijiet, u tort ukoll tar-relazzjoni adultera li l-attur eventwalment dahal fiha.

"Dan il-komportament abuziv da parti taz-zewg partijiet jattira fil-konfront ta xulxin l-applikazzjoni fl-intier tieghu ta' l-artikolu 48 u 51 tal-Kap.16.

"**Kura u Kustodja**

"It-tfal tal-partijiet lahqu t-tnejn l-eta' maggjorenni ghalhekk il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni f'dan ir-rigward.

"**Manteniment**

"Illi z-zewg ulied tal-partijiet huma llum maggjorenni ghalhekk l-ebda manteniment m'ghandu japplika f'dan ir-rigward.

"Fir-rigward tal-manteniment ghall-konvenuta, hekk kif diga` imsemmi aktar `il fuq, l-partijiet iddekadew mid-dritt taghhom li jitolbu u jircievu manteniment.

"**Komunjoni ta' l-Akkwisti**

"Illi l-Qorti qieghda tannetti mal-gudizzju odjern kopja tal-pagni 86 sa 98 tar-relazzjoni peritali **[Appendici A – Vol.V fols.1368 sa 1446]** li ghandhom jifformaw parti mill-istess.

"<u>Is-Socjeta` C.E.F. (Trading) Co. Ltd.</u>

[16] Vol. 4 – fols 959 u 960.

"Illi hekk kif jidher mill-atti dina s-socjeta` twwaqfet waqt iz-zwieg tal-partijiet u l-fond "Sweet Haven", Triq in-Narcis, High Ridge, Madliena li huwa wiehed mill-punti l-aktar kontestati f'dina l-kawza jappartjeni fil-fatt lill-istess kumpanija li skont il-Perit Komputist huwa "*principal asset*"[17]. Illi skont l-istess Perit Komputist fir-rapport tieghu fols. 1304 et seq. il-valur ta' l-ishma ta' dina s-socjeta` huwa ta' Lm135 (ekwivalenti ghal €314.47) kull wiehed u jikkonsistu f'2000 "ordinary shares", li minnhom 1,119 gew vestiti fl-attur u 880 fil-konvenuta.

"Illi l-Perit Tekniku ghamel valutazzjoni ta' dina l-propjeta` fl-2006 fejn ikkonkluda li "*wara li kkunsiderjat il-fatturi rilevanti kollha inkluza l-lokazzjoni, u il-valur ta' propjetajiet simili fil-lokazzjoni tal-madwar, u meta tikkonsidra li l-propjeta` tinsab fi stat ta' gebel u saqaf il-prezz prezenti tas-suq tal-propjeta` jammonta ghal madwar Lm405,000*"[18].

"Illi hekk kif jidher mill-verbali a fols. 1340, 1366 u 1455 hemm pendenti kawza ta' stralc fil-konfront tal-kumpanija.

"Illi ghalhekk rigward din il-kumpanija, din il-Qorti, filwaqt li tiddikjara li l-istess kumpanija tifforma parti mill assi tal-komunjoni tal-akkwisti, dina s-socjeta` tifforma parti mill-kommunjoni ta' l-akkwisti u tiddikjara li din tappartjeni liz-zewg partijiet fi kwoti indaqs; tordna li, meta din tigi likwidata skont il-ligi bi proceduri appoziti, nofs ir-rikavat nett jinghata lill-attur filwaqt li n-nofs l-iehor jinghata lill-konvenuta. Din il-Qorti qed taghti l-fakolta' liz-zewg partijiet sabiex permezz ta' ftehim bil-miktub, approvat mill-Qorti tal-Familja, jiddeciedu mod iehor kif jiddisponu minn din il-proprjeta' tal-komunjoni.

"<u>Il-fond f'San Pawl il-Bahar</u>

"Jirrizulta illi dan il-fond kien gie akkwistat matul iz-zwieg f' isem il-kumpanija, kif jirrizulta mid-dokumenti relattivi li gew esebiti u mmarkati bhala Dok. FE1 u Dok. FE2. F'dan ir-rigward, kemm fin-nota ta' pretensjonijiet taghha, kif ukoll fix-xhieda taghha, l-konvenuta tghid li l-akkwist ta' dan il-post sar unikament bi flus li kienu taghha, u li parti minnhom gew gew ghandha minn wirt. Minkejja dan pero`, hija naqset milli tressaq prova ta' dan. Hija naqset milli tipprezenta dokumenti jew xhieda

[17] Vol.5 – fol. 1304.
[18] Vol. 5 – fol. 1264

tal-fatt illi l-flus rapprezentanti parti mill-prezz ta' dan il-fond kienu proprjeta' parafernali taghha.

"Matul is-snin kienet dejjem il-konvenuta illi hadet hsieb tiffinanzja kwalunkew tip ta' xogholijiet li kien jehtieg illi jsiru fil-post u dan ghaliex il-post kien hemm zmienijiet fejn kien jinkera u allura l-manutenzjoni kienet necessarja. Fl-istess waqt jirrizulta illi l-flus li dahlu mill-kiri ta' dan il-fond kienet izzommhom il-konvenuta stess u ma jirrizultax illi qatt qasmet l-istess ma' zewgha. Il-Qorti pero` taqbel li l-attur m' ghandux pretensjoni valida fir-rigward, stante li, apparti li ma ngabux provi dwar l-ammont tal-kirjiet percepiti, parti mir-rikavat minn dan il-fond kien jigi impjegat mill-konvenuta sabiex thallas l-isepjjez tal-manutenzjoni tieghu, u spejjez ohra relattivi.

"Jidher li skont il-valutazzjoni tal-Perit Tekniku a fol. 1265 il-valur attribwit lil dina l-propjeta` skont l-istess rapport tas-sena 2006 huwa ta' LM40,000 (illum ekwivalenti ghal €93,174.94).

"Rigward il-bejgh ta' dan il-fond, il-Qorti tosserva li peress li dan hu proprjeta' tal-kumpanija fuq indikata, mhuwiex fil-kompetenza taghha li tiddisponi minn dan il-fond li legalment mhuwiex tal-partijiet izda proprjeta' tal-kumpanija taghhom.

"<u>Depoziti l-Bank</u>

"Illi l-Qorti taqbel mal-kunsiderazzjonijiet tal-perit legali fir-rapport tieghu taht dan it-titolu a fols. 1437 u 1438 tal-process u taddotta din il-parti fl-intier taghha.

"<u>Oggetti tad-deheb, fidda u hagar prezzjuz</u>

"Il-Qorti taqbel mal-konkluzjonijiet tal-perit legali taht dan is-subtitolu u taddotahom fl-intier taghhom :-

> "...ghalkemm fin-nota guramentata tieghu l-attur ghamel referenza ghall-fatt illi l-partijiet kellhom xi deheb, fidded u hagar prezzjuz huwa naqas milli jgib prova sia ta' dan il-fatt innifsu u sia tal-valur, almenu dak approssimativ ta' l-istess. Kien l-attur li b'mod arbitrarju iffissa l-valur ta' l-istess fl-ammont ta' LM3,000 pari ghal €6,988.12. Huwa wkoll ighid illi dawn l-oggetti prezzjuzi jifformaw parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti.

> Da parti taghha l-konvenuta tghid illi hija ghandha diversi oggetti tad-deheb li huma parafernali ghaliha ghaliex xtrathom hi qabel iz-zwieg jew inkella gew lilha regalati minn ommha. Minkejja dan l-esponenti josserva li meta kienet saret il-kitba taz-zwieg il-konvenuta ma rrizervat ebda jedd fuq deheb jew materjali prezzjuzi li kellha hi qabel iz-zwieg. Fid-dawl ta' dan l-esponenti jtendi jaqbel li effettivament il-komunjoni kellha xi oggetti ta' deheb u materjal iehor prezzjuz.
>
> Tenut kont tal-fatt illi ma gewx elenkati liema bicciet t'a deheb jappartjenu lill-partijiet u tenut kont tal-fatt illi ma gietx prezentata stima konkreta dwar il-valur ta' l-istess, l-esponenti jikkondkludi illi huwa ma jistax jassenja kreditu likwidu lill-partijiet u allura s-soluzzjoni hija illi kemm l-attur u kif ukoll il-konvenuta ghandhom jigi assenjat lilhom dawk l-oggetti li jappartjenu lilhom jew li jilbsu huma u dan waqt illi oggetti appartenenti lill-ulied tal-kontendenti ghandhom jigu lilhom ritornati".[19]

"Diversi bicciet ta' l-ghamara

"Il-Qorti taqbel mal-konkluzjonijiet tal-perit legali taht dan is-subtitolu u taddotahom fl-intier taghhom. Dan jghid hekk:

> "Ghalkemm iz-zewg partijiet kontendenti jaqblu illi hemm diversi bicciet ta' ghamara formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti, jirrizulta illi hemm kontestazzjoni bejniethom fir-rigward tal-valur ta' uhud mill-istess. L-esponenti jemmen ili din il-kwistjoni tista' tirrizolvi ruhha billi iz-zewg partjiet izommu dawk il-bcejjec ta' l-ghamara illi ghandhom fil-pussess taghhaom. Mill-atti jirrizulta illi l-partijiet ilhom snin twal hafna illi hadu pussess ta' l-ghamara illi ghandhom f'idejhom u tul dawn is-snin hadd minnhom qatt ma ntavola ebda att li bih talab jitpogga luar fil-pussess ta' xi ghamara li tinsab ghand il-konjugi l-iehor. B'hekk la l-partijiet huma kuntenti b'dak illi ghandhom f'idejhom l-esponenti huwa tal-fehma li kulhadd izomm dak illi diga ha".[20]

"Assi Parafernali

"Fit-28 ta' Dicembru 1975[21] il-partijiet ffirmaw kunttratt antenuzjali li fil-parti relevanti tieghu jaqra hekk:

> "*il-komparenti Sinjorina Attard [il-konvenuta] qeghda in kontemplazjoni tal-istess zwieg tiddota lilha infisha is-somom segwenti u cioe' elf u hames mitt lira f'Defence Bonds, Hames mitt lira f'Savings Account, mal-Mid-Med*

[19] Vol. 4 – fols. 1435 u 1436.
[20] Vol. 4 – fols. 1436 u 1437.

> *Bank Limited u disgha mija u sitta u ghoxrin lira (£926) flus id-dar oltre gratuity li s-Sinjorina Attard ghad trid tircevi minghand l-Education Department ta' madwar elf u hames mitt lira Maltija (£M1500), u ghal kull effett u buon fini tal-ligi l-komparenti Sur Ellul jiddikjara li ghalkemm l-imsemmija effetti mobili qieghdin jigu assenjati bil-valur taghhom, dina l-istima ossia valutazjoni taghhom m'ghandhiex timporta trasferiment tal-istess effetti ghand il-gharus imma l-istess effetti huma u ghabdhom jibqghu di proprieta' esklusiva tal-istess gharusa.*"

"Ghaldaqstant l-ammonti fuq indikati ghandhom jitqiesu bhala krediti parafernali mill-assi tal-komunjoni tal-akkwisti favur l-konvenuta, u ghandhom ghalhekk jithallsu lill-istess mill-istess assi.

"Illi rigward is-somma ta' LM2,000 li l-konvenuta tghid li hi kienet wirtet, kif ukoll is-somma ta' LM2,000 li l-istess konvenuta tghid li dawn din kienet giet precepita mill-lokazzjoni ta' hanut li hi kellha qabel iz-zwieg, din il-Qorti ma tistax taqbel mal-konkluzjoni tal-perit legali, li dawn l-ammonti ghandhom jitqiesu bhala proprjeta' parafernali tal-konvenuta, u dan stante li l-konvenuta ma ressiqtix provi dokumentali jew xhieda ohra fir-rigward. Ghaldaqstant fil-fehema ta' din il-Qorti din il-pretensjoni ma ssibx sostenn sodisfacenti fil-provi u qed tigi michuda.

"**Decide**

"Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:

"[1]tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazjoni personal bejn il-partijiet u tattribwixxi t-tort taz-zewg partijiet fi kwoti wgwali;

"[2] tilqa' t-tieni talba u xxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti, tillikwidaha u tassenja fit-termini u kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata **'Komunjoni ta' l-Akkwisti';**

"[3] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba stante li bint il-partijiet m'ghandhiex aktar minorenni;

"Tiddeciedi dwar il-kontro-talba billi:

"[1] tilqa l-ewwel talba kif fuq gja' deciz;

---

[21] Vol. 1 – fol. 104 et seq.

> “[2] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba stante l-fatt li bint il-partijiet m’ghandhiex aktar minorenni;
>
> “[3] tichad in parti t-tielet talba stante li l-konvenuta ddekadiet mid-dritt taghha li tircievi manteniment, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni dwar il-parti rigwardanti l-manteniment tal-minuri stante l-fatt li dina lahqet l-eta’ maggjorenni;
>
> “[4] tilqa’ r-raba’ talba u xxolji l-komunjoni ta’ l-akkwisti, tillikwidaha u tassenjha fit-termini u kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata **‘Komunjoni ta’ l-Akkwisti’;**
>
> “[5] tilqa’ il-hames talba fis-sens li tapplika kontra z-zewg partijiet l-effetti tad-dispozijonijiet ta’ l-Artikoli 48 u 51 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;
>
> “[6] tichad is-sitt talba;
>
> “[7] tilqa’ s-seba’ talba kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata **‘Assi Parafernali’.**
>
> “L-ispejjez ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.”

Rat illi minn din is-sentenza appellaw iz-zewg partijiet;

L-attur appellant talab il-konferma tas-sentenza fir-rigward tal-attribuzzjoni tat-tort ghat-tifrik taz-zwieg izda li l-Qorti tirrevoka u tbiddel is-sentenza imsemmija billi tilqa’ l-aggravji tieghu fir-rigward tal-qsim tal-komunjoni tal-akkwisiti u l-konsistenza tal-istess komunjoni;

Da parti taghha l-konvenuta appellanti talbet li l-Qorti tvarja s-sentenza billi tirrevokaha fil-partijiet fejn l-ewwel Qorti;

"(i) iddikjarat illi l-fond sitwat fl-indirizz Mario, 29, Triq Sant' Antnin Bugibba huwa tal-kumpannija kompriza fil-komunjoni tal-akkwisti u kwindi osservat illi peress li dan hu proprjeta` tal-kumpanija, m'huwiex fil-kompetenza taghha li tiddisponi minn dan il-fond li legalment m'huwiex tal-partijiet izda proprjeta` tal-kumpanija taghhom;

"(ii) ordnat illi meta s-socjeta` kompriza fil-komunjoni tal-akkwisti tigi likwidata skont il-ligi bi proceduri appoziti, nofs ir-rikavat nett jinghata lill-attur filwaqt li n-nofs l-iehor jinghata lill-konvenuta;

"(iii) cahdet it-talba attrici ghall-hlas lilha tas-somma ta' Lm4,000 rapprezentanti assi parafernali kif fuq spjegat;

"U minflok:-

"(i) tiddikjara illi l-fond sitwat fl-indirizz Mario, 29, Triq Sant' Antnin, Bugibba jappartjeni liz-zewg partijiet konguntement;

"(ii) tordna illi l-fond de quo jigi assenjat lill-appellanti;

"(iii) tiddikjara illi l-appellat ghandu jhallas lill-appellanti is-somma €268,412.53 rapprezentanti sehem mill-appellanti mis-socjeta` komprizi fil-komunjoni tal-akkwisti li minnu gie mnaqqas il-valur ta' sehem l-appellat mill-fond fuq imsemmi u kwindi;

"(iv) tordna u tikkundanna lill-appellat ihallas lill-attrici s-somma ta' €268,412.53;

"(v) tordna illi l-assi parafernali tal-appellanti jikkonsistu fis-somma shiha ta' €18,320.15.

"(vi) tikkundanna lill-appellat ihallas ukoll lill-appellanti s-somma ta' €18,320.15.

"U dana filwaqt illi tikkonferma s-sentenza appellata fil-kumplament taghha bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellat.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Jannar 2016 li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-Avukati trattaw l-appell;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat;

Qabel xejn tajjeb wiehed jirrileva illi fl-istess verbal il-partijiet qablu illi l-fond bl-isem "Mario" numru 29, St Antony Street Bugibbba jappartjeni lill komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u mhux lis-socjeta` CEF Trading Company Limited u li l-ishma tal-istess socjeta` jigu assenjati kollha lill-appellant fil-waqt li l-appellanti tigi kumpensata fl-ammont stabbilit mill-awditur Paul Bezzina kif imsemmi fl-atti tal-kawza; qablu wkoll li l-fond gia` msemmi jigi assenjat lill-appellanti konvenuta fil-waqt li l-attur appellant jircievi nofs il-valur tieghu kif ukoll stabbilit fl-atti tal-kawza.

Illi l-appellanti qed iressqu numru ta' lanjanzi u ghalhekk dawn se jigu diskussi wara xulxin; il-Qorti l-ewwel se tistharreg dawk tal-attur appellant.

**AGGRAVJI TAL-ATTUR**

**L-EWWEL AGGRAVJU**

L-ewwel aggravju tal-appellant huwa rigward il-konsistenza tal-assi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti; dwar l-ewwel parti kif issemma' l-partijiet qablu li l-fond f'Bugibba jifforma parti minn din il-komunjoni.

Apparti l-kunsens tal-partijiet, dan huwa ukoll sorrett mill-provi mressqa fil-kawza u senjatament mill-att tal-akkwist esebit fl-atti.

It-tieni parti tirrigwardja kirjiet mill-istess fond li skont l-appellant il-konvenuta zammet ghaliha ghal diversi snin u ukoll li fil-waqt li gab prova tal-esistenza u l-entita` tal-kontijiet bankarji esteri ta' martu, l-ewwel Qorti skartat dan u ma ordnatx li huwa jigi mhallas nofs dak l-ammont (cirka €78,907 fl-1999). Huwa jaghmel riferenza ghad-depozizzjoni tal-konvenuta fis-seduta tat-18 ta' April 2001 fejn mistoqsija x'sar minnhom dawn il-flus hija irrispondiet illi "xtrathom cikkulata". Kompliet tghid li kienet tizvela dan meta l-attur jizvela kull ma ghandu; skont l-appellant pero` huwa zvela kollox u allura qed jitlob li l-konvenuta tigi ordnata thallas nofs l-ammont imsemmi. Hija sostniet ukoll pero` illi dawn il-kontijiet spiccaw fix-xejn ghaliex nefqet hafna flus fi spejjez medici fejn jirrizulta wkoll illi diversi drabi kellha tmur l-Ingiliterra ghall-kura. F'cirkostanzi simili huwa dejjem difficli ghall-Qorti biex tiggudika; l-ewwel Qorti qablet mal-konkluzjoni tal-perit legali illi l-attur ma gabx provi sufficjenti biex jigi moghti ragun fir-rigward u dan anke minhabba l-fatt li jirrizulta li l-attur certament kien hati ta' adulterju sa mill-bidu tas-snin 90 u kwindi billi gie applikat l-Artikolu 48 tal-Kodici Civili, billi jirrizulta ampjament li dawn il-flus kienu derivati mill-attivita` tal-konvenuta (li kienet impjegata bhala ghalliema),

allura il-Qorti ghamlet sewwa li iddecidiet b'dan il-mod. Ghandu jinghad ukoll illi kif gie ritenut diversi drabi:

*"Il-Qorti tal-Appell tiddisturba biss id-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti f'kazijiet eccezzjonali meta si tratta ta' valutazzjoni ta' fatti".* **Phyliss Ebejer v. Joseph Aquilina** (10 ta' Jannar 1995). Imbaghad fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Cini v. George Wells** (15 ta' Novembru 2004) l-istess Qorti qalet li "*Huwa principju bazilari segwit minn din il-Qorti ta' revizjoni li fejn si tratta ta' apprezzament u evalwazzjoni ta' provi ta' fatt din il-Qorti qat ma tiddisturba leggerment apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti sakemm ma jkunx hemm ragunijiet gravi u serji bizzejjed li jissugerixxu mod iehor*"*.*

Naturalment huwa xorta dover ta' din il-Qorti li tezamina tajjeb l-atti tal-kawza anke f'dan ir-rigward; "*Din il-Qorti pero` f'kull kaz tapprezza ukoll li d-dover taghha xorta huwa li tezamina sewwa l-provi mressqa u barra minn hekk, huwa ukoll importanti li l-istess provi u l-konkluzjonijiet ta' kif graw il-fatti in kwistjoni jigu evalwati sewwa u interpretati skont il-ligijiet taghna u l-gurisprudenza l-aktar ricenti u kostanti fil-materja*"*.* (**Attard et v. Direttur tas Sahha**, Qorti tal-Appell, 31 ta' Mejju 2014).

Il-Qorti ezaminat l-atti tal-kawza u ma ssibx li ghandha tiddisturba l-apprezzament tal-ewwel Qorti u dan ghaliex ma tirrizultalha ebda raguni gravi jew serja bizzejjed biex taghmel hekk. Madankollu taqbel mal-

appellant fir-rigward tal-kirjiet ghaliex il-fond mikri huwa appartenenti ghall-komunjoni u allura l-appellant ghandu dritt ghan-nofs l-introjtu mill-istess kirjiet li jammonta ghal €13,980 sas-sena 2001, kif imsemmi fir-rikors tieghu. L-appellant fir-rikors tal-appell talab li l-Qorti tordna danni minhabba l-fatt li mbaghad l-appellata zammitu maghluq; madankollu dan ma jintitolahx ghad-danni kif qed jitlob hu ghaliex din it-talba ma ghandha ebda fondament legali.

**IT-TIENI AGGRAVJU**

It-tieni aggravju jirrigwardja x-xoljiment u l-qasma tal-komunjoni tal-akkwisti; l-appellant jilmenta li l-ewwel Qorti kien messha qasmet u assenjatlu l-ishma tas-socjeta` CEF Trading, b'dan li huwa jhallas lill-konvenuta l-valur tal-ishma assenjati kif stmahom il-perit komputista Paul Bezzina u cioe` €314,47 kull azzjoni. Dwar dan kif ukoll issemma' hemm qbil bejn il-kontendenti u din il-Qorti taqbel ukoll li kif issottomettew il-partijiet fir-rikorsi taghhom, kienet materja li kien hemm bzonn tigi solvuta permezz ta' din il-kawza u mhux li tirrimetti l-problema ghal-litigazzjoni ulterjuri.

**AGGRAVJI TAL-KONVENUTA**

**L-EWWEL U IT TIENI AGGRAVJU**

L-ewwel zewg aggravji tal-appellanti konvenuta gew gia` imsemmija in kwantu huma l-istess aggravji tal-appellant attur dwar il-fond 29 Triq Sant' Antnin Bugibba u l-azzjonijiet fis-socjeta` CEF Trading Limited u kif jidher mill-verbal quddiem din l-istess Qorti, hemm qbil bejn il-partijiet li l-fond jigi assenjat lill-appellanti u l-azzjonijiet lill-appellant. Il-valur tal-fond gie stabbilit mill-perit tekniku nominat mill-Qorti fis-somma ta' €93,174 u ghalhekk il-konvenuta ghandha thallas nofs dan l-ammont – €46, 587.

**IT TIELET AGGRAVJU**

Taht dan l-aggravju l-appellanti tilmenta mill-fatt li l-ewwel Qorti ma ordnatx il-hlas tas-somma ta LM2000 li hija wirtet minghand ommha u l-istess somma ta' Lm2000 li irceviet ghal twellija ta' hanut. Dawn ma gewx kontestati u jidher li din kienet zvista tal-istess Qorti, u allura l-aggravju huwa fondat; kwindi l-ammont dovut lill-appellanti bhala kreditu parafernali ghandu jkun ta' €18,320 u mhux kif imsemmi mill-ewwel Qorti.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tiddeciedi l-appell tal-attur appellant billi tilqghu fejn talab li jigi assenjat l-azzjonijiet tas-socjeta` CEF Trading Company Limited u dan billi jhallas lill-appellata s-somma ta' (mitejn u tmienja u sittin elf tlett mija u hames Euro) €268,305 kif spjegat; tordna li s-somma ta' (tlettax-il elf, disa' mija u tmenin Euro) €13,980 tizdied mal-kreditu

parafernali tieghu u allura titnaqqas mill-ammont appena imsemmi dovut lill-appellata; tilqa' dak tal-konvenuta billi tassenjalha l-fond 29 Triq Sant' Antnin Bugibba billi thallas nofs il-valur tieghu lill-attur u cioe` (sitta u erbghin elf, hames mija u sebgha u tmenin Euro) €46,587 u li l-kreditu parafernali taghha ikun ta' (tmintax-il elf, tlett mija u ghoxrin Euro) €18,320 minflok dak imsemmi fis-sentenza appellata; tikkonferma il-kumplament tas-sentenza appellata u tinnomina lin-Nutar Silvana Borg Caruana biex tippubblika l-att relattiv u l-Avukat Dottor Elaine Gingell Littlejohn biex tirraprezenta l-eventwali kontumacji fuq l-istess att li ghandu jigi pubblikat f'data, hin u lok li tiffissa din il-Qorti fuq talba ta' xi parti jew tal-istess Nutar nominand.

L-ispejjez kollha komprizi taz-zewg appelli u tal-kuntratt jithallsu mill-partijiet f'ishma ndaqs.

| Silvio Camilleri | Tonio Mallia | Joseph Azzopardi |
| --- | --- | --- |
| Prim Imhallef | Imhallef | Imhallef |

Deputat Registratur
df